



Aġenda tal-Mexxejja

Marzu 2018

Unjoni Ekonomika u Monetarja

Is-Summit tal-Euro ta' Diċembru 2017 għamilha ċara li l-espansjoni ekonomika attwali tipprovdi opportunità biex tiġi approfondita l-Unjoni Ekonomika u Monetarja. L-oġettiv tagħna jrid ikun li nsaħħu r-reżiljenza tal-unjoni monetarja, u tal-membri attwali u futuri tagħha, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tagħha li tkun tiflaħ għal xokkijiet finanzjarji u tirreaġixxi għal sfidi ekonomiċi u soċjali.

Il-Ministri (Grupp tal-Euro u Kunsill ECOFIN, kif adatt) ingħataw mandat biex imexxu l-ħidma 'il quddiem, filwaqt li jagħtu prijetà lil dawk l-oqsma fejn id-diskussjonijiet huma aktar avvanzati: it-tlestija tal-Unjoni Bankarja u l-iżvilupp ulterjuri tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES). Il-President tal-Grupp tal-Euro ser jiġi mistieden jirrapporta dwar id-diskussjoni bejn il-Ministri matul il-Kunsill Ewropew, peress li dawn il-kwistjonijiet huma tal-UE28.

Kif miftiehem mill-Mexxejja f'Diċembru 2017, is-Summit tal-Euro li jmiss bejn id-19-il Stat Membru taż-żona tal-euro għandu jippermetti dibattitu miftuħ u li jħares 'il quddiem. Ħafna mit-temi għad-diskussjoni f'Marzu ġew ikkunsidrati mill-Ministri f'diversi okkażjonijiet, u s'issa intlaħaq livell limitat ta' kunsens dwarhom. L-iżvilupp ulterjuri tal-aġenda jirrikjedi l-involviment dirett tal-Mexxejja, u gwida mingħandhom.

Dawn it-temi jistgħu b'mod partikolari jinkludu l-mistoqsijiet li ġejjin, li huma interkonnessi:

- Kapaċità fiskali. Għandha tiġi stabbilita kapaċità fiskali għaż-żona tal-euro? Xi jkunu l-iskopijiet ewlenin tagħha (eż. stabbilizzazzjoni makroekonomika, appoġġ għall-investiment u l-impjieg, promozzjoni ta' riformi strutturali)? Għandha tkun parti integrali mill-baġit tal-UE jew strument barra mill-baġit tal-UE?
- Promozzjoni ta' tfassil ta' politika tajba. Għandu jsir aktar fil-livell Ewropew biex jiġu promossi riformi strutturali li jżidu l-kompetittività u t-tkabbir, jitnaqqsu l-iżbilanċi u tiġi żgurata l-konverġenza sostnuta? Għandu jsir aktar biex tiġi żgurata r-responsabbiltà fiskali? Liema strumenti għandhom jintużaw għal dan il-għan?

Il-mexxejja jitħeġġew li jiddiskutu l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq u kif jistgħu jmexxuhom 'il quddiem.

Mhu ser joħroġ ebda dokument bil-miktub minn dan id-dibattitu.